# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 19 T'OTTUBRU, 2000.

**Fl-Atti tar-Rikors Numru 1745/00 JRM fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 5953/97AS fl-ismijiet**

**Mid-Med Bank Limited**

**vs**

**Joecar Limited et.**

**Il-Qorti;**

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Settembru, 2000;

Rat ir-Rikors tas-Socjeta' intimata Joecar Limited tad-9 t'Ottubru, 2000;

Rat id-Digriet taghha tal-10 t'Ottubru, 2000;

Rat it-twegiba tar-Registratur tal-Qorti tat-12 t'Ottubru, 2000;

Rat it-twegiba tal-HSBC Bank Malta p.l.c. tat-12 t’Ottubru, 2000, u n-nota tal-istess Bank tat-18 t’Ottubru, 2000, illi permezz taghha huwa indika li l-Bank Centrali ta’ Malta joffri servizz ta’ ***safe custody items*** lil u a beneficcju tad-Dipartimenti tal-Gvern, inkluz ir-Registratur tal-Qrati;

Rat li, fil-fatt, is-Socjeta’ rikorrenti ma haditx hsieb li tinnotifika formalment lir-Registratur tal-Qrati u lill-Bank kreditur esekutant bl-imsemmi Digriet taghha tas-7 ta’ Settembru, 2000, u ghalhekk seta’ ghadda inutilment it-terminu prefiss fl-istess Digriet;

Tipprovdi dwar ir-Rikors tas-Socjeta’ Joecar Limited billi:-

(a) tilqghu kwantu tikkonferma ghal kollox l-imsemmi Digriet taghha tas-7 ta’ Settembru, 2000, b’dan illi s-sitt (6) ijiem tax- xoghol hemm imsemmija ghandhom jitqiesu li jibdew jiddekorru minn dak inhar tan-notifika ta’ dan id-Digriet lill-ahhar wiehed mill-istess imsemmija Registratur tal-Qorti u l- HSBC Bank Malta p.l.c.; u

(b) tichdu kwantu l-Qorti ntalbet timponi penali, b’dan illi l-Qorti tirriserva li tiehu l-provvediment li jidhrilha xierqa jekk jirrisulta li d-Digriet taghha ma twettaqx minkejja n-notifika tieghu;

Spejjez riservati.

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**19 t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**19, t'Ottubru, 2000.**